Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 20,673, 27 ta' Lulju, 2021
Taqsima A

MALTA

ATT Nru LI tal-2021

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT biex jemenda l-Att dwar il-Professjoni Nutarili u Arkivji Nutarili, Kap. 55.

ACT No. LI of 2021

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT to amend the Notarial Profession and Notarial Archives Act, Cap. 55.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.) **GEORGE VELLA**
President

27 ta' Lulju, 2021

ATT Nru LI tal-2021

ATT biex jemenda l-Att dwar il-Professjoni Nutarili u Arkivji Nutarili, Kap. 55.

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità tal-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:

Titolu fil-qosor.

1. It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att huwa l-Att tal-2021 li jemenda l-Att dwar il-Professjoni Nutarili u Arkivji Nutarili, u dan l-Att għandu jinqara u jinftiehem ħaġa waħda mal-Att dwar il-Professjoni Nutarili u Arkivji Nutarili, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali".

Kap. 55.

Emenda tal-artikolu 2 tal-Att prinċipali.

2. Minnufih wara s-subartikolu (4) tal-artikolu 2 tal-Att prinċipali, għandu jiżdied is-subartikolu ġdid li ġej:

"(5) In-nutara għandhom is-setgħa li jagħtu pariri fuq kull wieħed mill-funzjonijiet u l-poteri vestiti fihom skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu, u fuq kwalunkwe materja jew kompetenza attribwita lilhom, sew jekk esklussivament jew xort'oħra, taħt kwalunkwe liġi jew regolament, u b'mod ġenerali, fuq kwalunkwe ħaġa relatata mal-qadi tajjeb tal-obbligazzjonijiet jew l-ingaġġ tagħhom, u dan minkejja kwalunkwe ħaġa li tista' tkun stipulata taħt kwalunkwe liġi oħra.".

A 1114

Emenda tal-artikolu 3 tal-Att prinċipali.

3. Is-subartikolu (2) tal-artikolu 3 tal-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(2) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-artikoli 14 u 22 sa fejn jirreferu għall-karigi ta' Nutar Prinċipali tal-Gvern, Nutar tal-Gvern, Nutar Pubbliku mal-Awtorità tal-Artijiet jew Nutar Pubbliku mal-Awtorità tad-Djar, taħt id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 22(5), jew Nutar Pubbliku ma' kwalunkwe Awtorità jew Aġenzija Governattiva oħra, ebda persuna li jkollha kariga bi ħlas mal-Gvern, minbarra l-kariga ta' Direttur jew Assistent Direttur tar-Reġistru Pubbliku jew Reġistratur tal-Artijiet jew Assistent Reġistratur tal-Artijiet, ma tista' tipprattika ta' nutar:

Iżda d-Direttur jew l-Assistent Direttur tar-Reġistru Pubbliku u r-Reġistratur tal-Artijiet jew l-Assistent Reġistratur tal-Artijiet ma jistgħux jipprattikaw il-professjoni ta' nutar ħlief bħala Nutar Prinċipali tal-Gvern jew Nutar tal-Gvern.".

Emenda tal-artikolu 8 tal-Att prinċipali.

4. Fis-subartikolu (1) tal-artikolu 8 tal-Att prinċipali, minnufih wara l-kliem "kull sena" għandhom jiżdiedu l-kliem "jew fi kwalunkwe data oħra matul dik is-sena li l-Bord imsemmi fl-artikolu 7 jista', wara d-debita deliberazzjoni, jikkunsidra neċessarju li jistabbilixxi".

Emenda tal-artikolu 11 tal-Att prinċipali.

5. L-artikolu 11 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subartikolu (1) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(1) In-nutar jista' fid-diskrezzjoni tiegħu, u mingħajr ġustifikazzjoni, jirrifjuta li jagħti s-servizzi tiegħu jew jittermina kwalunkwe ingaġġ għas-servizzi tiegħu u ma jkunx meħtieġ li jikkunsidra l-effett jew konsegwenza ta' tali rifjut.";

(b) is-subartikolu (2) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(2) Mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità tas-subartikolu preċedenti, in-nutar ma jkunx obbligat li jagħti s-servizzi tiegħu jew li jiffinalizza xi ingaġġ, jekk wara li jkun aċċetta l-ingaġġ:

(a) il-partijiet jonqsu milli jiddepożitaw miegħu l-ammont ta' dazji, taxxi, drittijiet u spejjeż in konnessjoni ma' kwalunkwe servizz jew att, jew fil-mument tal-pubblikazzjoni tal-att jew mal-eżekuzzjoni tas-servizz mitlub; jew

(b) is-servizzi tiegħu huma meħtieġa f'festa pubblika jew bejn id-9.00 ta' filgħaxija ta' jum u t-8.00 ta' filgħodu tal-jum sussegwenti.";

(ċ) is-subartikolu (3) tiegħu, għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(3) Id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) u (2), ma għandhomx japplikaw fil-każ ta' testment u d-dispożizzjoni tal-paragrafu (b) tas-subartikolu (2) ma għandhiex tapplika fil-każ ta' protest marittimu.".

6. L-artikolu 14 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda tal-artikolu 14 tal-Att prinċipali.

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu:

(i) il-kliem "In-nutar -" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Nutar għandu jieqaf milli jeżerċita l-funzjonijiet tiegħu -";

(ii) il-paragrafu (a) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(a) jekk jaċċetta impjieg mal-Gvern, jew jimpjega ruħu *full-time*, jew jeżerċita professjoni, jew jieħu kwalunkwe kariga inkompatibbli mal-professjoni ta' nutar:

Iżda nutar li jaċċetta impjieg biex jagħmilha ta' Nutar Prinċipali tal-Gvern jew Nutar tal-Gvern jew Nutar impjegat ma' kwalunkwe Ministeru jew Dipartiment tal-Gvern jew Nutar Pubbliku mal-Awtorità tal-Artijiet jew Nutar Pubbliku mal-Awtorità tad-Djar, taħt id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 22(5), jew Nutar Pubbliku ma' xi Awtorità jew Aġenzija tal-Gvern, għal perjodu kontinwu ta' mhux iżjed minn tliet xhur, jista' jissokta bil-funzjonijiet tiegħu bħala Nutar Pubbliku.";

(iii) il-paragrafu (b) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(b) jekk huwa jkun permanentement nieqes minn Malta għal perjodu kontinwu li jaqbeż ħames snin jew jonqos milli jippubblika xi att għal perjodu ta' seba' snin konsekuttivi ta' qabel is-sena bażi kurrenti tar-reviżjoni, li għandu jiġi aċċertat kull

sena, mis-sena bażi tar-reviżjoni 2021. L-Uffiċjal Reviżur assenjat għandu jaċċerta ruħu minn dan il-fatt matul il-perjodu tar-reviżjoni, u għandu fuq rikjesta, jingħata kull informazzjoni relevanti min-nutar innifsu jew mill-Uffiċċju tan-Nutar tal-Gvern jew mill-Kunsill Nutarili. L-Uffiċjal Reviżur għandu, b'rikors, jirrapporta l-każ lill-Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili u l-Qorti għandha, jekk tkun sodisfatta li l-fatti jissussistu, tagħti digriet li dak in-nutar waqaf milli jeżerċita l-funzjonijiet tiegħu u għandha tordna lin-nutar biex jillega u jikkonsenja kull att oriġinali li jkun għadu fil-pussess tiegħu lill-Uffiċjal Reviżur, fi żmien li jkun stabbilit fid-digriet tagħha, u fin-nuqqas, il-penali taħt l-artikolu 94A(18)(a) għandhom japplikaw *mutatis mutandis,* u l-istess Qorti għandha taħtar Nutar Konservatur, fejn jidhrilha li jkun meħtieġ. Il-Qorti għandha tordna li dak id-digriet ikun notifikat lin-nutar, fl-indirizz reġistrat mal-Kunsill Nutarili jew, jekk ikun jgħix barra minn Malta, permezz ta' posta elettronika fl-aħħar indirizz elettroniku reġistrat mal-Kunsill Nutarili, u lill-Avukat Ġenerali, in-Nutar Prinċipali tal-Gvern, u l-President tal-Kunsill Nutarili, u l-imsemmi digriet għandu jkun pubblikat fil-Gazzetta. Sussegwentement għal din il-pubblikazzjoni, in-Nutar Prinċipali tal-Gvern għandu jniżżel l-isem ta' dak in-nutar fil-lista bl-ismijiet tan-nutara li ma jkunux qed jeżerċitaw il-funzjonijiet tagħhom, liema lista għandha tinżamm min-Nutar Prinċipali tal-Gvern u tkun pubblikata bl-istess mod tal-lista taħt l-artikolu 4.";

(iv) fil-paragrafu (ċ) tiegħu, il-kliem "permanentement jitlef il-*warrant* tiegħu ta' nutar" għandhom jiġu mħassra;

(v) fil-paragrafu (d) tiegħu, il-kliem "permanentement jitlef il-*warrant* tiegħu ta' nutar" għandhom jiġu mħassra;

(vi) fil-paragrafu (e) tiegħu, il-kliem "jitlef għal dejjem il-*warrant* tiegħu ta' nutar" għandhom jiġu mħassra;

(vii) fil-paragrafu (f) tiegħu, il-kliem "jitlef għal dejjem il-*warrant* tiegħu ta' nutar" għandhom jiġu mħassra;

(viii) fil-paragrafu (g) tiegħu, il-kliem "jitlef għal dejjem il-*warrant* tiegħu ta' nutar" għandhom jiġu mħassra;

(ix) fil-paragrafu (h) tiegħu, il-kliem "jieqaf milli jeżerċita l-funzjonijiet tiegħu" għandhom jiġu mħassra u l-kliem "jieħu l-*warrant* tiegħu" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "ikun rijabilitat";

(b) fis-subartikolu (2) tiegħu, il-kliem "hekk kif jagħmel l-eżami ta' kwalifika msemmi fl-artikolu 6(1)(f)." għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "fuq il-parir tal-Bord imsemmi fl-artikolu 7 li għandu jaċċerta li n-nutar huwa adegwatament profiċjenti, aġġornat u kwalifikat biex jerġa' jibda jeżerċita l-fakultajiet u l-funzjonijiet kollha ta' Nutar Pubbliku.";

(ċ) is-subartikolu (3) tiegħu, għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(3) In-nutar li jaċċetta l-kariga ta' Nutar Prinċipali tal-Gvern, Nutar tal-Gvern, Nutar impjegat *full-time* ma' Ministeru jew Dipartiment jew Awtorità tal-Gvern, Nutar Pubbliku mal-Awtorità tal-Artijiet, Nutar Pubbliku mal-Awtorità tad-Djar, il-kariga ta' Direttur jew Assistent Direttur tar-Reġistru Pubbliku jew Reġistratur tal-Artijiet jew Assistent Reġistratur tal-Artijiet, jew nutar li huwa impjegat *full-time* ma' bank kummerċjali tas-self, jew istituzzjoni jew entità finanzjarja simili, jew ma' xi aġenzija tal-Gvern, jew kumpanija b'responsabbiltà limitata, jew kwalunkwe entità oħra, fejn il-Gvern ta' Malta huwa jew is-sid benefiċjarju jew għandu fiha interess li jikkontrolla, jew fi kwalunkwe każ ieħor fejn xi nutar jibqa' jwettaq, fl-eżerċizzju regolari tal-professjoni jew impjieg tiegħu, xi wieħed mill-fakultajiet u funzjonijiet elenkati fl-artikolu 2, ma għandux matul dik il-kariga jew dak l-impjieg, jieqaf mill-eżerċizzju tal-funzjonijiet ta' nutar:

Iżda kwalunkwe nutar li jaqa' taħt dan is-subartikolu ma jkunx jista' jipprattika bħala nutar ħlief fil-kapaċità kif jissemma f'dan is-subartikolu, u għalhekk ma għandux, matul iż-żamma ta' dik il-kariga, jieqaf milli jeżerċita l-funzjonijiet ta' nutar, iżda biss safejn dawk il-funzjonijiet ikunu relatati mal-eżekuzzjoni jew il-konservazzjoni ta' atti, li fihom il-Gvern jew xi korp ġuridiku imwaqqaf bil-liġi huwa parti, u l-ħruġ ta' kopji u estratti minn dawn l-atti.";

(d) minnufih wara s-subartikolu (3) tiegħu għandhom jiżdiedu s-subartikoli ġodda li ġejjin:

"(4) F'kull każ fejn nutar jieqaf milli jeżerċita l-funzjonijiet tiegħu taħt dan is-subartikolu, il-Qorti għandha tiddekreta li dak in-nutar waqaf milli jeżerċita l-funzjonijiet tiegħu u għandha tordna lin-nutar biex jillega u jikkonsenja kwalunkwe atti oriġinali li jkunu għadhom fil-pussess tiegħu lill-Uffiċjal Reviżur assenjat lilu għas-sena kurrenti ta' reviżjoni, fi żmien li jkun stabbilit fid-digriet tagħha, u fin-nuqqas, il-penali taħt l-artikolu 94A(18)(a) japplikaw *mutatis mutandis*. Il-Qorti għandha wkoll taħtar Nutar Konservatur. Il-Qorti għandha tordna li dak id-digriet ikun notifikat lin-nutar, lill-Avukat Ġenerali, lin-Nutar Prinċipali tal-Gvern u lill-President tal-Kunsill Nutarili u l-imsemmi digriet għandu jkun ippubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern bil-mod stabbilit fil-paragrafu (b).

(5) Sussegwentement għal din il-pubblikazzjoni, in-Nutar Prinċipali tal-Gvern għandu jniżżel l-isem ta' dak in-nutar fil-lista tal-ismijiet tan-nutara li ma jkunux qed jeżerċitaw il-funzjoni tagħhom, liema lista għandha tinżamm min-Nutar Prinċipali tal-Gvern u tkun pubblikata bl-istess mod tal-lista taħt l-artikolu 4.".

Emenda tal-artikolu 25 tal-Att prinċipali.

7. Is-subartikolu (3) tal-artikolu 25 tal-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(3) Il-preżenza ta' żewġ (2) xhieda għandha tkun meħtieġa biss fil-każijiet li ġejjin:

(a) kull meta jitlob hekk xi wieħed mill-komparenti; u

(b) kull meta xi wieħed mill-komparenti ma jafx kif jew ma jkunx jista' jiffirma ismu:

Iżda f'każ ta' testmenti pubbliċi u f'każ ta' att ta' konsenja ta' testmenti sigrieti, in-nutar għandu f'kull każ jinforma u jispjega lit-testatur bid-dritt tat-testatur li jkollu żewġ (2) xhieda preżenti:

Iżda wkoll f'każ ta' testmenti pubbliċi, jekk it-testatur jagħżel li ma jkollux żewġ (2) xhieda preżenti, in-nutar għandu fit-testment jiddikjara li hu informa u spjega lit-testatur bid-dritt tiegħu li jkollu żewġ (2) xhieda preżenti u li t-testatur għażel li ma jkollux żewġ (2) xhieda preżenti:

Iżda wkoll f'każ ta' atti ta' konsenja ta' testmenti sigrieti, jekk it-testatur jagħżel li ma jkollux żewġ (2) xhieda preżenti, in-nutar għandu fl-att ta' konsenja jiddikjara li hu informa u spjega lit-testatur bid-dritt tat-testatur li jkollu żewġ (2) xhieda preżenti u li t-testatur għażel li ma jkollux żewġ (2) xhieda preżenti.".

Emenda tal-artikolu 50 tal-Att prinċipali.

8. Is-subartikolu (1) tal-artikolu 50 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu (n) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(n) ta' kull att korrettiv nutarili, kull att korrettiv sussegwenti għalih u kull att ta' konfutazzjoni skont l-artikolu 45A;";

(b) il-paragrafu (o) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(o) kull att li bih tirrinunzja wirt;";

(ċ) il-paragrafu (p) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(p) kull rikors għal Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni u kull Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni maħruġ."; u

(d) il-paragrafu (q) tiegħu għandu jiġi mħassar.

Emenda tal-artikolu 152 tal-Att prinċipali.

9. Is-subartikolu (1) tal-artikolu 152 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu (ċ) tiegħu, minnufih wara l-kliem "permezz ta' *microfilming*," għandhom jiżdiedu l-kliem "u bi kwalunkwe forma oħra ta' diġitalizzazzjoni"; u

(b) fil-paragrafu (d) tiegħu, minnufih wara l-kliem "permezz ta' *microfilming*" għandhom jiżdiedu l-kliem "u bi kwalunkwe forma oħra ta' diġitalizzazzjoni".

A 1120

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru 489 tal-14 ta' Lulju, 2021.

ANĠLU FARRUGIA
Speaker

RAYMOND SCICLUNA
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati